

RETTIFIKA

Rettifika tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/256/UE tat-2 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE għal prodotti tal-karta ttrasformata*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 135 tat-8 ta' Mejju 2014)*

Fpaġna 45, il-Kriterju 4:

minflok: "Valutazzjoni u verifika: l-applikant għandu jipprovdi r-riżultati tat-testijiet tar-riċiklabbiltà għall-aġenti tar-reżistenza għall-ilma, kif ukoll tal-kapaċità li jitneħħew l-adeżivi. Il-metodi ta' ttestjar ta' referenza huma l-metodu PTS-RH 021/97 (għall-aġenti tar-reżistenza għall-ilma), il-Metodu INGEDE 12 (għat-tneħħija tal-adeżivi mhux solubbli), jew metodi ta' ttestjar ekwivalenti. L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni li l-prodotti tal-karta ttrasformata miksija u laminati huma konformi mal-punt 3(c). Fejn parti minn prodott tal-karta ttrasformata tkun tista' titneħħa faċilment (ngħidu aħna, l-iżbarra tal-metall ġo suspension file jew għata tal-plastik jew għata li tista' terġa tintuża ta' pitazz), it-test tar-riċiklabbiltà jista' jsir mingħajr dan il-komponent. Il-kapaċità li jitneħħew faċilment il-komponenti mhux tal-karta għandha tkun provata b'dikjarazzjoni mill-impriża tal-ġbir tal-karta, mill-impriża tar-riċiklaġġ jew minn organizzazzjoni ekwivalenti. Jistgħu jintużaw ukoll metodi ta' ttestjar li juru riżultati ekwivalenti, imwettqa minn parti terza kompetenti u indipendenti."

aqra: "Valutazzjoni u verifika: l-applikant għandu jipprovdi r-riżultati tat-testijiet tar-riċiklabbiltà għall-aġenti tar-reżistenza għall-ilma, kif ukoll tal-kapaċità li jitneħħew l-adeżivi. Il-metodi ta' ttestjar ta' referenza huma l-metodu PTS-RH 021/97 (għall-aġenti tar-reżistenza għall-ilma), il-Metodu INGEDE 12 (għat-tneħħija tal-adeżivi mhux solubbli), jew metodi ta' ttestjar ekwivalenti. L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni li l-prodotti tal-karta ttrasformata miksija u laminati huma konformi mal-punt 4(c). Fejn parti minn prodott tal-karta ttrasformata tkun tista' titneħħa faċilment (ngħidu aħna, l-iżbarra tal-metall ġo suspension file jew għata tal-plastik jew għata li tista' terġa tintuża ta' pitazz), it-test tar-riċiklabbiltà jista' jsir mingħajr dan il-komponent. Il-kapaċità li jitneħħew faċilment il-komponenti mhux tal-karta għandha tkun provata b'dikjarazzjoni mill-impriża tal-ġbir tal-karta, mill-impriża tar-riċiklaġġ jew minn organizzazzjoni ekwivalenti. Jistgħu jintużaw ukoll metodi ta' ttestjar li juru riżultati ekwivalenti, imwettqa minn parti terza kompetenti u indipendenti."

Rettifika għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 477/2014 tat-12 ta' Mejju 2014 li jimplementa r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 137 tat-12 ta' Mejju 2014)*

Fpaġna 3, Artikolu 1:

minflok: "Artikolu 1

Il-persuni u entitajiet elenkati fl-Anness għal dan ir-Regolament għandhom jiżdiedu mal-lista li tinsab fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 269/2014.;

aqra: "Artikolu 1

L-Anness għar-Regolament (UE) Nru 269/2014 huwa emendat kif ġej:

- tiddaħħal l-intestatura 'Persuni' wara l-intestatura eżistenti 'Lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi msemmijin fl-Artikolu 2';
- wara l-lista eżistenti ta' persuni, tiddaħħal l-intestatura ta' Taqsima ġdida msejja 'Entitajiet';
- il-persuni u l-entitajiet elenkati fl-Anness għal dan ir-Regolament għandhom jiżdiedu mat-Taqsima rilevanti tal-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 269/2014.;